MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2025

Appell Inferjuri Numru 157/2024 LM

**Burmarrad Commercials Limited (C13537)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**John Cassar Aveta (K.I. 33356M)**
**u Louis Cassar Aveta (K.I. 189157M)**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà eżekutata **Burmarrad Commercials Limited** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta' jew 'l-eżekutata'], mid-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], fid-19 ta' Settembru, 2024 [minn issa 'l quddiem 'id-digriet

appellat'], li ddeċidiet it-talbiet tagħha fil-konfront tal-eżekutanti **John Cassar Aveta (K.I. 33356M)** u **Louis Cassar Aveta (K.I. 189157M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellati' jew 'l-eżekutanti'], kif ġej:

> "*1. Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-eżekutanti Cassar Aveta.*
>
> *2. Tilqa' l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-eżekutanti Cassar Aveta.*
>
> *3. Tiċħad it-talbiet tas-soċjetà eżekutata Burmarrad Commercials Limited."*

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-10 ta' Diċembru, 2012 fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Cassar Aveta *vs.* Burmarrad Commercials Limited** (Avviż numru 37/2010 CSH), kien ġie deċiż illi:

> *"Illi għalhekk in linea ma' dak li kien gie miftiehem fl-*invoice *mmarkata bħala Dok Z1 esebita* a fol. *18 tal-atti, is-soċjetà konvenuta hija debitriċi tal-attur fis-somma ta' ħamest elef u sebgħa u sittin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€5,067.85) u tordna lill-istess soċjetà konvenuta tħallas dan l-ammont lill-attur f'oġġetti magħżula mill-istess attur limitatament għal din is-somma. Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta u tilqa' t-talba attriċi f'ammont ridott ta' ħamest elef u sebgħa u sittin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€5,067.85). L-ispejjeż ta' din il-kawża u dawk tal-ittra uffiċjali datati 30 ta' April 2008 jitħallsu mis-socjetà konvenuta."*

3. B'deċiżjoni mogħtija fis-16 ta' Ottubru, 2022 fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Cassar Aveta *vs.* Burmarrad Commercials Limited** (Rikors numru 183/2023 LC), il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) laqgħet it-talba tal-eżekutanti, hawnhekk l-appellati, u awtorizzat l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv miksub fil-konfront tas-soċjetà eżekutata bis-saħħa tas-sentenza hawn fuq indikata (Avviż numru 37/2010 CSH).

4. Fid-19 ta' Frar, 2024, l-eżekutanti, hawnhekk l-appellati, kisbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv (372/2024), għas-somma kumplessiva ta' erbatax-il elf tliet mija erbgħa u erbgħin Euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€14,344.23), rappreżentanti din is-somma: (a) sorte – ħamest elef u sebgħa u sittin Euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€5,067.85); (b) imgħax – sebat elef disgħa mija tmienja u disgħin Euro (€7,998.00); (ċ) spejjeż ġudizzjarji u drittijiet – elf mitejn tmienja u sebgħin Euro u tmienja u tletin ċenteżmu (€1,278.38). In segwitu għal dan il-mandat eżekuttiv, ġew depożitati taħt l-awtorità tal-Qorti, żewġ ċedoli ta' depożitu, u ċioé dik bir-riferenza numru 693/2024 (fl-ismijiet John Cassar Aveta (K.I. nru. 33356M) u Louis Cassar Aveta (K.I. nru. 189157M) *vs.* Burmarrad Commercials Limited (C13537)) permezz ta' liema ġiet depożitata s-somma ta' erbatax-il elf u sitt Euro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€14,006.77), u dik bir-riferenza 782/2024 (fl-ismijiet John Cassar Aveta (K.I. nru. 33356M) u Louis Cassar Aveta (K.I. nru. 189157M) *vs.* Burmarrad Commercials Limited (C13537)) permezz ta' liema ġiet depożitata s-somma ta' erbatax-il elf tlett mija erbgħa u erbgħin Euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€14,344.23).

5. Is-soċjetà eżekutata, hawnhekk l-appellanta, talbet il-ħruġ ta' kontro-mandat relattiv għall-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bir-riferenza numru 372/2024 fi tliet okkażjonijiet: (a) nhar il-5 ta' Marzu 2024 (kontro-mandat bir-riferenza numru 507/2024), fejn it-talba tal-eżekutata ġiet miċħuda; (b) nhar l-20 ta' Marzu 2024 (kontro-mandat bir-riferenza numru 642/2024), fejn it-talba tas-soċjetà eżekutata ma ġietx dekretata; (ċ) nhar it-22 ta' Marzu 2024 (kontro-mandat bir-riferenza numru 662/2024), fejn it-talba tas-soċjetà eżekutata ġiet akkordata biss relattivament għas-sekwestratarji l-Awtorità għat-Trasport

f'Malta u l-Kontrollur tad-Dwana. Imbagħad, permezz ta' rikors imressaq fl-20 ta' Mejju 2024, l-eżekutanti proċedew biex talbu l-iżbank tas-somma ta' erbatax-il elf tliet mija erbgħa u erbgħin Euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€14,344.23).

6. Fil-31 ta' Lulju, 2024, is-soċjetà eżekutata resqet ir-rikors odjern *ai termini* tal-artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex qalet li jeżistu raġunijiet validi skont il-liġi sabiex il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv (372/2024) jitħassar. Dan l-artikolu jgħid:

> "281. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.
>
> (2) Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-parti opposta li, fi żmien għaxart ijiem, għandha tippreżenta risposta li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-risposta li tista' tippreżenta:
>
> Iżda l-qorti tista', f'każijiet urġenti, tirriduċi l-perjodu msemmi f'dan is-subartikolu. Fin-nuqqas ta' din l-oppożizzjoni, il-qorti għandha tilqa' t-talba.
>
> (3) Il-qorti għandha tiddeċiedi dwar ir-rikors wara s-smigħ tal-partijiet, u kull xiehda li jidhrilha xierqa, jekk taħseb hekk, u dan mhux iktar tard minn perjodu ta' xahar mill-jum tal-preżentata.
>
> (4) Appell minn digriet mogħti taħt is-subartikolu (3) jista' jsir b'rikors fi żmien sitt ijiem minn meta d-digriet jinqara fil-qorti bil-miftuħ. Il-Qorti tal-Appell għandha tappunta dan l-appell għas-smigħ fi żmien xahar minn meta d-digriet jinqara' fil-qorti bil-miftuħ u dan għandu jiġi deċiż fi żmien tliet xhur mid-data tal-appuntament għas-smigħ.
>
> (5) Il-garanzija msemmija fl-artikolu 249 ma tinħtieġx fil-każijiet imsemmija fis-subartikolu ta' qabel dan."

7. Fl-imsemmi rikors tagħha, is-soċjetà eżekutata, hawnhekk l-appellanta, qalet li r-raġuniijiet validi skont il-liġi huma li: (a) it-titolu eżekuttiv emanenti mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-10 ta' Diċembru 2012, huwa ċar u inekwivoku, billi l-Qorti ordnat illi l-awtur tal-eżekutanti, l-appellati odjerni, jitħallas is-somma ta' ħamest elef u sebgħa u sittin Euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€5,067.85), mhux fi flus iżda *'f'oggetti magħzula mill-istess attur limitatament għal din is-somma'.* Qalet li l-eżekutanti b'hekk la qatt kellhom il-jedd jitolbu l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv, u wisq inqas ma għandhom il-jedd li jiżbankaw kwanukwe flejjes depożitati taħt l-awtorità tal-Ewwel Qorti in segwitu għall-istess mandat; (b) imkien fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-10 ta' Diċembru 2012 ma s-soċjetà eżekutata ġiet ordnata tħallas imgħax, konsegwenza naturali tal-fatt li l-awtur tal-eżekutanti ma ġiex mogħti l-jedd li jitħallas is-somma ta' ħamest elef u sebgħa u sittin Euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€5,067.85) fi flus, iżda in natura. L-imgħax pretiż b'hekk mill-eżekutanti mhuwiex dovut. Għalhekk, l-eżekutata talbet lill-Qorti tħassar għal kollox il-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv (372/2024), u konsegwentement tawtorizzaha sabiex tiżbanka l-import taċ-ċedoli ta' depożitu numri 693/2024 u 782/2024.

8. Fir-risposta tagħhom tas-6 ta' Settembru, 2024, l-eżekutanti Cassar Aveta wieġbu *inter alia* illi s-sentenza tal-10 ta' Ottubru 2012 fl-ismijiet 'Joseph Cassar Aveta *vs*. Burmarrad Commercials Limited' (Avviz Nurmu 37/2010CSH), hija ċara u inekwivoka, fejn iddecidiet illi s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tal-awtur tal-eżekutanti fis-somma ta' ħamest elef, u sebgħa u sittin Euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€5,067.85ċ), u kkundannatha tħallas dan l-ammont. Qalu li din il-Qorti orndat ukoll illi *'l-istess soċjetà konvenuta tħallas dan l-ammont lill-attur*

*f'oġġetti magħżula mill-istess attur limitatment għal din is-somma'*. L-eżekutanti qalu li s-sentenza hija cara biżżejjed, u ċioé li s-soċjetà eżekutata hija debitriċi tal-eżekutant fis-somma ta' €5,067.85ċ u kundannatha tħallas dan l-ammont. Is-soċjetà eżekutata kienet ġiet mistiedna, b'ittra legali tal-15 ta' Marzu 2017, u fi żminijiet aktar riċenti b'ittra legali tat-12 ta' Novembru 2022, sabiex tobdi l-Ordni tal-Qorti. Qalu li dan hija ma għamlitux u allura s-soċjetà eżekutata kienet obbligata tħallas l-imsemmi ammont ta' €5,067.85ċ, u fuq liema ġew akkumulati imgħax skont il-liġi li, mis-26 ta' Mejju 2004 kif mitlub fl-Avviż promotorju tal-kawża 37/2010CSH sal-preżentata tal-Mandat ta' Sekwestru 372/2024, akkumulaw imgħaxijiet fl-ammont ta' €7,998. Qalu li dik il-Qorti kienet ordnat ukoll, fl-imsemmija sentenza ta' l-10 ta' Ottubru 2012, li s-soċjetà eżekutata tħallas l-ispejjeż tal-kawża u dawk tal-ittra ufficjali datata 30 ta' April 2008, li skont taxxi ufficjali jammontaw ghal €772.01c u €59.93c rispettivament. L-eżekutanti qalu wkoll illi meta l-imsemmija sentenza għadda ż-żmien fuqha għax il-kreditur Joseph Cassar Aveta laħaq miet, u t-titolu kellu jerga' jigi ripropost din id-darba mill-eredi, John u Louis Cassar Aveta, u għax laħqu ukoll għaddew għaxar snin minn fuqha, u b'sentenza ta' dina l-Qorti fir-Rikors fl-ismijiet 'Joseph Cassar Aveta *vs.* Burmarrad Commercials Limited', Rikors Numru 183/2023LC, mogħtija fis-16 ta' Ottubru 2022 ordnat l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv ottenut fil-konfront tas-soċjetà, bl-ispejjez kontriha, is-soċjetà eżekutata xorta baqgħat inadempjienti. L-eżekutanti qalu li s-soċjetà eżekutata għalhekk ippretendiet, inġustament, illi ma tagħmel xejn, u b'hekk tirrendi s-sentenza mogħtija fl-10 ta' Ottubru 2012 ineffikaċi. L-eżekutanti qalu li minkejja t-trapass ta' kważi tnax -il sena mingħajr ma hija hadet ebda azzjoni biex tħallas, u/jew biex tobdi l-Ordni tal-Qorti *ai termini* tal-

imsemmija sentenza, anki wara li giet interpellata, is-soċjetà eżekutata baqgħet inadempjienti. Kien biss ladarba li ġie intavolat il-mandat ta' sekwestru li hija rreaġixxiet. Qalet li għalhekk l-imsemmi Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv 372/2004 ġie akkordat mill-Ewwel Qorti, għaliex inħareġ fuq il-bażi li t-titolu eżekuttiv għadu fis-seħħ: inħareġ minn Qorti kompetenti u ġie anki kollazzjonat kif imsiss mir-Reġistratur tal-Qorti. L-eżekutanti irrilevaw ukoll illi s-socjetà eżekutata mhijiex tikkontesta it-titolu provenjenti minn sentenza ta' dina l-Qorti, u li fuqha l-eżekutanti kisbu l-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv, ħaġa li setgħet tagħmilha biss *'għal raġuni valida skont il-ligi'* [l-artikolu 282(1) tal-Kap. 12]. L-eżekutanti qalu li s-soċjetà eżekutata taf li *'raġuni valida'* ma għandhiex għax taf li l-Qorti ikkundannatha tħallas is-somma ta' €5,067.85ċ bl-ispejjeż. L-eżekutanti qalu li s-soċjetà eżekutata kellha l-fakoltà li tieħu s-suġġeriment tal-Qorti billi tħallas dan l-ammont lill-attur f'oġġetti magħżula mill-istess attur limitatament ghal din is-somma, imma dan ma għamlitux u għalhekk ma tistax tippretendi li ma għandha tħallas xejn, meta hija ġiet effettivament ikkundannata kif fuq ingħad.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

7. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fid-19 ta' Settembru, 2024, l-Ewwel Qorti għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet qabel waslet għad-deċiżjoni tagħha:

> *"Illi dan tal-lum huwa provvediment għal talba mressqa taħt l-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Mill-atti jirriżulta dan li ġej:*
>
> *Illi permezz ta' sentenza datata 10 ta' Diċembru 2012, mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **<u>Joseph Cassar Aveta</u>** [fn. 9: Dan jiġi l-antekawża tal-eżekutanti tal-lum] **<u>vs Burmarrad Commercials Ltd</u>**, ġie deċiż hekk:*

Illi għalhekk in linea ma' dak li kien ġie miftiehem fl-invoice mmarkata bħala Dok Z1 esebita a fol. 18 tal-atti, is-soċjetà konvenuta hija debitriċi tal-attur fis-somma ta' ħamest elef u sebgħa u sittin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€5,067.85) u tordna lill-istess soċjetà konvenuta tħallas dan l-ammont lill-attur f'oġġetti magħżula mill-istess attur limitatament għal din is-somma.

Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta u tilqa' t-talba attriċi f'ammont ridott ta' ħamest elef u sebgħa u sittin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€5,067.85).

L-ispejjez ta' din il-kawza u dawk ta' l-ittra ufficcjali datati 30 ta' April 2008 jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.

*Illi minn din is-sentenza ma sar l-ebda appell. Ġara li sussegwentement, l-eżekutanti odjerni fasslu wkoll proċeduri* ai termini *tal-artikolu 259 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jerġa' jirravivaw t-titolu tagħhom għan-nom ta' Joseph Cassar Aveta (bħala werrieta tiegħu). Dawn l-aħħar proċeduri ġew deċiżi permezz ta' deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar is-16 ta' Ottubru 2022 [fn. 10: Deċiżjoni tinsab eżebita* a fol *13* et seq *tal-proċess.], fejn intlaqgħet it-talba konċernanti l-esegwibbilità tat-titolu eżekuttiv mill-ġdid. Wara l-istess, l-eżekutanti Cassar Aveta talbu u ottjenew mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 372/2024, li huwa l-mertu tal-proċeduri tal-lum.*

*Illi sussegwentement saru diversi atti oħra msemmija fir-rikors promotur li però m'humiex t'importanza għal din id-deċiżjoni.*

*Illi huwa dan l-iter li wassal għar-rikors tal-lum fejn is-soċjetà eżekutata qiegħda bażikament tressaq l-lanjanzi tagħha fuq żewġ binarji. Fl-ewwel lok li t-titolu eżekuttiv ma jikkonċernax ħlas ta' somma iżda biss li jittieħdu oġġetti u li ma kien hemm l-ebda kundanna rigwardanti imgħax. Fi ftit kliem allura, tgħid li l-mandat ma setax jiġi milqugħ għaliex m'hemmx titolu eżekuttiv kif jgħidu l-eżekutati Cassar Aveta.*

*Illi bħala daħla qasira, jingħad li l-interpretazzjoni iktar restrittiva ta' żminijiet passati ta' dan l-artikolu, llum twessa'. Tassew, sa fejn kien jingħad li xogħol il-Qorti f'dan it-tip ta' proċeduri huwa limitat biss għat-tfittxija dwar jekk mandat ikunx inħareġ min qorti żbaljata jew difett formalistiku tal-istess mandat, dan illum m'għadux jinftiehem fis-sens li l-eżami għandu jkun dan biss. [fn. 11: Ara f'dan is-sens l-provvediment mogħti fil-proċeduri fl-ismijiet* ***Raymond Fenech vs Charmaine Zammit****, (Rik Nru: 1451/2023/1) mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar l-14 ta' Marzu 2024. Fuq l-istess vena, il-Qorti tagħmel referenza għall-provvediment mogħti fil-proċeduri fl-ismijiet* ***Dr. Abigail Critien et vs Fair Trading Limited****, (Rik 782/2019) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Settembru 2019 fejn intqal hekk:* Illi l-Qorti

tagħraf li, madankollu, fil-qafas ta' dak li ngħad aktar qabel, biex jista' jinħareġ att eżekuttiv, irid ta bilfors ikun hemm titolu eżekuttiv. Għalhekk, l-eżekuttività (b'distinzjoni mis-siwi tal-mertu tiegħu) tat-titolu trid tirriżulta biex wieħed jista' jqis is-siwi tal-att eżekuttiv li jintalab bis-saħħa tiegħu. Kemm hu hekk, f'dawn l-aħħar żminijiet, ingħad ukoll li n-nuqqas ta' eżistenza ta' titolu eżekuttiv ukoll taqa' fil-parametri tal-istħarriġ dwar "raġuni tajba" li qorti tista' tintalab tagħmel f'azzjoni mibdija taħt l-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. *Hekk ukoll issir referenza għall-provvediment mogħti fil-proċeduri fl-ismijiet **<u>It-Tabib Dottor Joseph Tonna vs Sharon Tonna</u>**, (Rik Nru: 72/2018) mogħtija* mill-*Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar il-10 t'April 2018 fejn ingħad hekk*: "Kwindi din il-Qorti trid tqis jekk il-mandat ċioé l-esekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv inħariġx skont il-ligi. Bla dubju t-talba magħmula mir-rikorrenti tinkwadra ruħha f'din id-dispozizzjoni u interpretazzjoni tal-artikolu. Hi qed tissottometti illi l-ħruġ tal-mandat hu prematur għax l-esekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv għadu mhux fis-seħħ. Dan ma jolqotx il-mertu tat-titolu iżda l-validità formali tal-ħruġ tal-mandat."]. *Huwa aċċettat li awtorità ġudikanti għandha tinvestiga wkoll jekk hemmx verament l-eżistenza o meno tat-titolu eżekuttiv li jkun wassal għall-ħruġ tal-mandat. [fn. 12: F'dan is-sens issir referenza għall-provvediment mogħti fil-proċeduri fl-ismijiet **<u>Mary Saliba vs Charles Saliba</u>**, (Rik Nru: 252/2021/2) mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-3 ta' Marzu 2022 fejn ingħad hekk:* "Ir-raġel qiegħed effettivament jgħid illi l-obbligazzjoni kanonizzata bis-sentenza tħallset bit-transazzjoni, u għalhekk it-titolu eżekuttiv huwa eżawrit. Jekk tassew dan huwa minnu, din hija raġuni tajba biex tintlaqa' t-talba taħt l-art. 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili". *Fuq l-istess vena, issir ukoll referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **<u>Raymond Fenech vs Charmaine Zammit</u>**, (App Ċiv Nru: Rikors numru 1451/23/1) mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fejn ġie enunċjat is-segwenti:* "Għalhekk it-tweġiba li din il-Qorti qiegħda tagħti għall-ewwel mistoqsija fuq magħmula hija: li fi proċedura taħt l-Artikolu 281(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-Qorti hija mogħnija bis-setgħa li tistħarreġ jekk jeżistix it-titlu eżekuttiv li fuq is-saħħa tiegħu jkun inkiseb il-mandat eżekuttiv. Jiġi b'hekk, li l-Ewwel Qorti qalet ħażin li hija ma tistax tistħarreġ ir-raġuni li fuqha l-appellanti Charmaine Zammit sejset it-talba tagħha għat-tħassir tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv 24/2023"].

*Illi din il-Qorti ma ssib xejn ħażin allura bir-raġunijiet miġjuba għat-tħassir tal-mandat (minn aspett purament proċedurali), għad li dejjem għandu jibqa' jiġi mfakkar li l-eżami għandu jkun marbut mal-att eżekuttiv u mhux mat-titolu tiegħu.[fn. 13: Fost oħrajn, il-Qorti tagħmel referenza għall-provvediment mogħti fil-proċeduri fl-ismijiet **<u>Bank of Valletta vs Saviour Micallef</u>**, (Rik App: 997/2019/1) mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-18 ta' Frar 2020.]*

***<u>Eċċezzjoni Preliminari – Nullità.</u>***

*Illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħhom, l-eżekutati jgħidu lir-rikors huwa null għaliex l-okkju ma jirriflettix il-fatt li dan ir-rikors huwa revoka ta' mandat eżekuttiv u b'hekk kellu semmai isir b'mod invers.*

*Illi dan huwa kollu minnu iżda imma dan m'għandux iwassal għan-nullità tal-Att. Il-kwistjoni tal-okkju hija aktar ħaġa amministrattiva milli waħda sostanzjali, u hija sempliċi prassi li rikorsi bħal dawn isiru b'dak il-mod. Wara kollox, l-eżekutati ma rabtux din l-eċċezzjoni ma xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u mill-atti jirriżulta li huma ma sofrew l-ebda preġudizzju bil-mod kif ġie mfassal l-okkju ta' dawn il-proċeduri. Tassew, huwa ċar li l-eżekutati kienu jafu sew fuq xiex kien il-mertu ta' dan ir-rikors. Il-Qorti m'hijiex qiegħda ssib xi għelt bil-mod kif tfassal ir-rikors.*

*Illi madanakollu l-Qorti sejra tordna li l-atti ta' dan din il-proċedura tiġi annessa fiżikament mal-mandat ta' sekwestru mertu ta' dan ir-rikors, sabiex b'hekk ikun hemm għarfien ta' din il-ġrajja meta wieħed imur ifittex l-istess mandat.*

*Illi din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi għalhekk mwarrba.*

***<u>L-Ewwel Kawżali – It-titolu jitkellem fuq teħid t'oġġetti u mhux fuq ammont dovut.</u>***

*Illi kif rajna s-soċjetà eżekutat torbot din ir-raġuni mal-fatt li fid-*decide *tas-sentenza tas-sena 2012, dik il-Qorti, skont hi, m'ordnatx li jitħallsu xi flus, iżda li l-ante-kawża tal-eżekutati jmur jiġbor oġġetti sa somma indikata. Madankollu, dan l-argument m'huwiex wieħed fejjiedi.*

*Illi fl-ewwel lok, għandha ssir referenza għal dak li oriġinarjament ġie mitlub minn Joseph Cassar Aveta. Kien propju għalhekk li din il-Qorti ordnat l-allegazzjoni ta' dawk l-atti. Fl-Avviż promotur ġie premess u mitlub hekk:*

> Tħallas is-somma ta' ħdax il-elf sitt mija u sitta u erbgħin ewro (€11,646) ekwivalenti għas-somma ta' ħamest elef Lira Maltin (Lm 5,000) bl-imgħax relattiv mis-26 ta' Mejju 2004 liema somma intom żammejtu indebitament u mingħajr kawża u b'hekk b'arrikkiment inġustifikat.
>
> Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri uffiċjali inkluża dik tat-30 ta' April 2008 u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-Liġi.

*Illi għandu jkun indubitat li eżami tal-parti deċisorja ta' xi sentenza m'għandhiex tiġi eżaminata waħedha f'iżolament iżda trid tinqara mal-motivazzjoni u dak mitlub. [fn. 14: Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Joseph Camilleri vs Lilian Mallia</u>**, mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-5 ta' Ottubru 1998 fejn*

*ingħad hekk:* "però, sussegwentement jista' jiġri illi d-deċiżjoni ma tkunx internament fil-parti disposittiva tas-sentenza iżda anke fil-parti razzjonali tagħha meta fil-motivazzjoni tiġi definita u riżolta xi vera kwistjoni b'mod li dik il-parti tkun il-premessa loġika u neċessarja mad-dispożittiv u allura dik il-parti tifforma ħaġa waħda mid-dispożittiv li kollha flimkien jiffurmaw il-ġudikat." Hekk ukoll, issir referenza għas-sentenza klassika fl-ismijiet **Giovanni Grima vs Victor Fava et**, mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-26 ta' Mejju 1967 fejn, b'referenza għal sentenza preċedenti, ġie mfakkar hekk: "Hu veru illi dan, ma jingħadx in termini fid-dispożittiv tas-sentenza appellata. Iżda kif intqal fis-sentenza mogħtija fil-kawża "Farrugia Gay v. Farrugia" (Kollez. Vol. XXIV, I,157) "per riconoscere il vero portata di una sentenza, occorre indagare quale fosse stato la questione sulla quale il Giudice fu chiamato a pronunziarsi e la discussione che precedette il suo giudizio, ed esaminare il dispositivo nel suo complesso, raffrontandolo, mettendolo in armonia colla motivazione la quale è anche parte integrale della sentenza sebbene non ne sorga il giudicato". L-istess ħaġa ntqal minn din il-Qorti fil-kawża "Debono v. Matthews" (App. Ċiv. 24 ta' Ottubru. 1966) ċioè illi "id-dispożittiv ma jistax ma jinqarax fid-dawl tal-premessi". Fl-appell "Dottor Caruana v. Dottor. Buhagiar (App. Ċiv. 17 ta' Diċembru, 1965) din il-Qorti qalet: "Biex dikjarazzjoni tkun konklussiva jew obbligatorja ma tridx tkun merament raġunament jew sempliċi motiv iżda vera soluzzjoni ta' kwistjoni trattata fis-sentenza li tirrappreżenta il-konklużjoni finali tal-Qorti fuq il-kwistjoni. Dak li hu importanti huwa li s-soluzzjoni jew il-konklużjoni tkun inkluża fis-sentenza u ma jimpurtax f'liema parti tagħha." Fl-aħħar nett fil-kawża "Testaferrata Bonnici v. Testaferata Bonnici" (App. Ċiv. 12 ta' Mejju 1958) intqal – u dak hu partikularment appożitu għall-każ preżenti – illi "vera soluzzjoni ta' kwistjoni trattata fis-sentenza li tirrappreżenta il-konklużjoni finali tal-Qorti fuq il-kwistjoni."*Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet David Vincenti Libreri vs Anthony sive Twanny Baldacchino et, (rik App Nru: 1065/18/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fejn ingħad hekk* "Minn qari tas-sentenza fis-sħiħ tagħha, huwa ċar biżżejjed għal din il-Qorti li kienu l-kunsiderazzjonijiet hekk kif riprodotti fil-paragrafu ta' qabel dan li sewwasew irrappreżentaw il-vera soluzzjoni għall-kwistjoni f'dik il-kawża. Minħabba f'hekk, u dejjem fid-dawl tal-prinċipji ġurisprudenzjali hekk kif imsemmija aktar kmieni, din il-Qorti tqis li l-parti hawn fuq imniżżla trid ta' bilfors tinqara ħaġa waħda mad-dispożittiv ta' dik l-istess sentenza".]

*Illi dik il-Qorti, għalkemm tat l-opzjoni lil Joseph Cassar Aveta sabiex jiġbor l-ammont dovut f'oġġetti (ħaġa li ma ġietx mitluba tagħmel) xorta laqgħet it-talba tiegħu (għalkemm b'mod limitat fir-rigward tal-valur). It-talba kienet għall-ħlas u xejn aktar. Ir-raġuni għad-diskrepanza bejn dak mitlub u dak ottenjut kien għaliex dik il-Qorti sabet li kien hemm lok għal xi tpaċija, propju għaliex skont hi Joseph Cassar Aveta u*

*Burmarrad Commercials Limited kienu debituri u kredituri ta' xulxin. [fn. 15: Ara fol 7 tas-sentenza relattiva.]*

*Illi bl-argument tas-soċjetà eżekutata jiġi li, jekk l-eżekutanti ma jsibu l-ebda oġġetti fi ħdan is-soċjetà eżekutata, ma jistgħu jitħallsu qatt. Rispettosament huwa ovvju u ċar li t-titolu huwa wieħed ta' ħlas f'ammont determinat, biss l-Qorti dehrilha li kellha tamplifika dak il-jedd anke bil-possibilità ta' modalità differenti ta' ħlas.*

*Illi dan l-argument hija b'hekk jiġi mwarrab.*

***<u>It-Tieni Kawżali - Imgħax</u>***

*Illi taħt din il-kappa, s-soċjetà eżekutanti targumenta li l-Ewwel Qorti ma imponiet l-ebda imgħax u allura l-mandat ma setax jinħareġ bl-inklużjoni tagħhom.*

*Illi ħafna minn dak li ntqal hawn fuq japplika u jidħol sew bħala raġunament siewi taħt din it-tieni kunsiderazzjoni.*

*Illi huwa minnu li l-Qorti naqset milli semmi dan il-punt fil-parti deċisorja tas-sentenza, iżda Joseph Cassar Aveta kien talab l-impożizzjoni tal-imgħax u l-Qorti laqgħet it-talba tiegħu. Argument bħal dan ġie wkoll mistħarreġ u eventwalment miċħud preċedentement mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri). Issir referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet* ***<u>Vincent Gauci vs Dr. Albert Fenech</u>****, (App Ċiv Nru: 60/20) mogħtija nhar is-27 ta' Marzu 2020. Dik il-Qorti iddeċidiet hekk:*

> Hu fatt li fil-parti dispożittiva tas-sentenza ma jissemiex l-imgħax espressament. Madankollu l-appellat argumenta li ġialadarba fil-parti dispożittiva tas-sentenza l-ewwel Qorti qalet "tilqa' t-talbiet attriċi", dawk il-kliem jinkludu l-imgħax li ntalab fiċ-ċitazzjoni. Fil-fatt fl-aħħar taċ-ċitazzjoni hemm stampat, "Bl-ispejjeż u l-imgħax u l-konvenuti inġunti għas-subizzjoni". B'hekk l-attur talab l-imgħax u fil-parti dispożittiva tas-sentenza l-ewwel Qorti qalet "tilqa' t-talbiet attriċi".

*Illi f'dan il-każ għalhekk lanqas hemm lok li wieħed jidħol f'dibattitu dwar x'jiġri jekk ma jkunx intalab imgħax (u dan jingħata)[fn. 16: Dwar dan jidher li hemm sentenzi kunfliġġenti. Hekk per eżempju fis-sentenza fl-ismijiet* ***<u>George Borg vs Awtorità għat-Trasport f'Malta et</u>****, (App Nru: 354/2015/2) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Frar 2024 intqal hekk:* "Dan huwa aggravju fondat. Minn eżami tar-rikors ġuramentat promotur jirriżulta illi l-ebda mgħax ma ntalab mill-attur appellat filwaqt li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti akkordat "l-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv". *Kif inżamm minn din il-Qorti fis-sentenza Av. Dr. Antoine Cachia et. v. Joseph Borg et. mogħtija fid-29 ta' April, 2016,* "Kien ikun hemm xi haġa 'ultra petita' kieku l-imgħax qatt ma kien mitlub fl-att taċ-ċitazzjoni" u ngħata.". *Mill-banda l-oħra ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet*

***Costantino Abela vs George Azzopardi**, (App Ċiv Nru: 380/1987/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-7 ta' Ottubru 2005; kif ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Crocifissa sive Christine Abela et vs. Valletta Gateway Terminals Limited et**, (App Ċiv Nru: 95/2010/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-30 ta' Lulju 2022 fejn ingħad hekk: "*għalkemm huwa minnu li l-atturi ma talbux imgħaxijiet fir-rikors promotur tagħhom, indubjament l-atturi jistgħu jitqiesu kredituri tas-soċjetajiet konvenuti mill-mument li ngħatat l-ewwel sentenza li stabbiliet ir-responsabbiltà tas-soċjetajiet konvenuti. Ġudikant għandu jipprovdi rimedju mhux biss fejn ikun ġie espressament mitlub mill-atturi, iżda wkoll meta jkun każ ta' ex necessaria consequential; *kif ukoll għas-sentenza iktar riċenti fl-ismijiet **Jeffrey Farrugia vs. Melvyn Mifsud**, (App Nru: 684/2016/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-8 ta' Jannar 2024.], għaliex l-imgħax intalab u t-talba ta' Joseph Cassar Aveta ġiet milqugħa.*

*Illi għalhekk anke din ir-raġuni għat-tħassir qiegħda tiġi mwarrba.*

***It-Tieni Talba – Żbank miċ-ċedoli***

*Illi huwa ċar li ġaladarba b'din id-deċiżjoni il-mandat relattiv m'huwiex qiegħed jiġi mħassar li ma hemmx lok li din il-Qorti tilqa' t-tieni talba. Magħdud ma dan, jirriżulta li attwalment hemm proċeduri oħra pendenti rigwardanti ċ-ċedoli msemmija (rikors ta' żbank) u fil-fehma ta' din il-Qorti hija dik il-Qorti hekk impenjata b'dik it-talba li għandha tiddeċiedi l-istess.*

***Kunsiderazzjoni Ulterjuri***

*Illi l-Qorti tqis, la ġiet hekk l-okkażjoni, li tirrimarka xi ftit dwar it-terminu li jrid l-artikolu 281(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex rikors bħal da hawn deċiż jiġi finalment dekretatat. F'dan il-każ, ir-rikors ġie mressaq fil-31 ta' Lulju 2024, u l-eżekutati ġew li taw ruħhom notifikati mal-preżentata tar-risposta tagħhom fis-6 ta' Settembru 2024. [fn. 17: L-eżekutati ma ġewx formalment notifikati, iżda bir-risposta tagħhom dan il-fatt spiċċa wieħed merament akkademiku. F'dan is-sens issr referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Vella vs Kummissarju tal-Artijiet**, (Ċit Nru: 589/1994) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-3 ta' Lulju 2001 fejn ingħad hekk: "*__Filwaqt illi l-interpretazzjoni ġusta tal-liġi kif definita f'ġudikati ta' din il-Qorti kienet fis-sens illi l-att promotur tal-appell kellu jiġi notifikat lill-appellat personalment u li l-liġi kienet hekk teżiġi proprju biex tassigura li l-parti ċitata titqiegħed personalment f'posizzjoni li tirrispondi għall-att promotur ta' ġudizzju quddiem Qorti oħra (artikolu 144 tal-Kap. 12), ma kien hemm l-ebda dubbju li n-notifika tal-atti kienet biss mezz biex tassigura li l-parti ċitata tkun konsapevoli tal-proċeduri kontra tagħha u titqiegħed f'posizzjoni li tiddefendi ruħha. Jekk mill-atti__

**jkun jirriżulta illi l-persuna notifikanda kienet attwalment irċeviet l-att u kienet ipproċediet biex tikkontestah permezz ta' risposta skont il-liġi, l-att tan-notifika nnifsu isir għall-fini tal-proċess għal kollox irrilevanti. Dan proprju għaliex il-preżentata tar-risposta tkun tekwivali u kellha tiġi interpretata bħala dikjarazzjoni tal-parti li tkun qed tagħti ruħha b'notifikata bl-atti".**] *Minn hemm inżamm smigħ fl-10 ta' Settembru 2024 u llum ir-rikors qiegħed jiġi deċiż. B'hekk jiġi li, teknikament, id-digriet qiegħed jingħata lill'hemm mix-xahar li trid il-liġi.*

*Illi tajjeb jingħad li din il-Qorti taqbel ma deċiżjonijiet preċedenti fejn ġie deċiż li f'każijiet bħal dawn [fn: 18 Speċjalment meta, bħal f'dan il-każ, ma jirriżultax li s-soċjetà eżekutanti kienitx negliġenti fit-tentatttivi ta' notifika.], ġudikant m'għandux sempliċiment jastjeni milli jqis dak, għaliex b'hekk ikun qiegħed biss ifarfar mir-responsabbiltà tiegħu. [fn. 19: F'dan is-sens issir referenza għall-provvediment fl-ismijiet* ***Annette Meier vs Speranza Gatt et****, (Rik Nru: 791/2019) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-26 ta' Settembru 2019, fejn intqal hekk:* "Illi l-Qorti hija tal-fehma sħiħa li billi tastjeni milli tqis it-talba, tkun qiegħda tfarfar minn fuqha obbligu ieħor tagħha ta' ordni pubbliku li huwa dak li tindirizza talbiet li jkunu tressqu quddiemha u li taqtagħhom. Bl-astensjoni, ħadd ma jieħu xejn u dan inissel biss proċeduri oħrajn u nfiq ta' spejjeż żejda bi proċeduri mtennija." *Similment, issir referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet* ***Daniela Worz vs Mr Green Limited****, (Rik Nru: 922/2023/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-14 ta' Marzu 2024, li kompliet tħaddan u ttenni din il-linja ta' ħsieb.] Madanakollu, dik hija interpretazzjoni li tista' wkoll tagħti lok għal xi disgwid. Għal din il-Qorti ikun utli li l-leġislatur jħejji emenda li filwaqt li tibqa' tirrifletti l-fatt li kwistjonijiet bħal dawn għandhom jinqatgħu b'mod spediżjuż, it-telqa taż-żmien m'għandux jitlaq mal-preżentata tal-proċeduri. Emenda simili seħħet fir-rigward ta' proċeduri magħmula skont l-artikoli 873 u 874 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. [fn. 20: F'dan ir-rigward issir referenza għal dak dibattut waqt it-tieni qari tal-abbozz tal-Att XV tassena 2008, mwettaq fl-24 ta' Novembru 2008 fejn intqal hekk: It-tielet emenda qegħdin indaħħluha fir-rigward tal-mandati ta' inibizzjoni. Il-mandat ta' inibizzjoni nbidel minn kif kien fi żmenijiet oħrajn. Konna daħħalna numru ta' emendi, fosthom li f'kull mandat ta' inibizzjoni għandu jkun hemm udjenza, li l-mandat ta' inibizzjoni għandu jinqata' kemm jista' jkun malajr, u biex jinqata' malajr konna daħħalna t-terminu ta' xahar. Dan it-terminu sar bil-ħsieb li kemm jista' jkun ma jkollniex esperjenzi li għaddejna minnhom il-qorti, fosthom li wieħed ikollu mandat ta' inibizzjoni li jingħata digriet proviżorju fuqu u jibqa' pendenti għal numru twil ta' snin. Fi kliem ieħor, ikollok mandat ta' inibizzjoni li ma jkunx ġie deċiż kompletament imma jibqa' mdendel b'digriet proviżorju għal ħafna snin! Għaldaqstant, konna daħħalna emenda li tgħid li fi żmien xahar dawn għandhom jinqatgħu. Din l-emenda ħadmet fuq numru ta'*

*mandati, però fil-każ ta' xi mandati, minflok serviet biex nimxu fid-direzzjoni ttajba, marret f'direzzjoni differenti. Kien qed ikun hemm numru ta' mandati, mhux eċċessiv, li jiġu miċħuda għax jgħaddi x-xahar u l-partijiet ma jkunux għadhom ġew debitament notifikati. Allura qegħdin indaħħlu hawnhekk li d-dekorrenza tax-xahar tkun kemm mill-ġurnata li jkun maħluf il-mandat kif ukoll mill-mument meta l-partijiet ikunu ġew debitament notifikati, jiġifieri qegħdin ngħidu li meta mandat ma jkunx ġie notifikat, it-terminu ta' xahar jibda minn meta dawn il-partijiet jiġu debitament notifikati. Din l-emenda ersaqna lejha b'ċerta kawtela, għax inħoss li hija emenda li jista' jkun hemm min jabbuża minnha. Aħna naraw xi tkun l-esperjenza u mbagħad minn hemm nimxu 'l quddiem. Nafu li kienu saru diversi talbiet fuqha u allura naħseb li hija xi ħaġa li għandha tidħol fil-liġi. Bl-istess mod, issir referenza għad-dibattitu li seħħ quddiem il-Kumitati Permanenti Għall-Kunsiderazzjoni Ta' Abbozzi Ta' Liġi fis-seduta ta' nhar id-9 ta' Diċembru 2008 fejn ġie diskuss hekk: "ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI: Din il-klawsola tirreferi għal mandati ta' inibizzjoni. Fil-mandati ta' inibizzjoni kellna problema li t-terminu ta' xahar minn meta jiġu notifikati biex jiġu deċiżi l-mandati ta' inibizzjoni, kien marbut mal-ġurnata meta jiġu ppreżentati. Dan konna għamilnih bi qbil bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra apposta biex ikollna moħħna mistrieħ illi l-mandati ta' inibizzjoni ma jibqgħux pendenti. Dan għax hemm numru ta' mandati ta' inibizzjoni pendenti li saru taħt ir-reġim ta' qabel, li għadhom pendenti fuq digrieti proviżorji għal ċertu snin. Però, kif qal tajjeb l-Onor. Herrera fid-dibattitu, hemm numru ta' mandati li qegħdin jiġu f'sitwazzjoni fejn qed jiġu miċħuda għax jgħaddi x-xahar mill-preżentata tal-mandat. U allura hawnhekk qegħdin indaħħlu* "u li l-partijiet ġew debitament notifikati" biex ikollna moħħna mistrieħ li t-terminu ta' xahar jibda jgħodd mhux minn meta jiġi ppreżentat biss, imma anke minn meta l-partijiet ikollhom in-notifika."]

*Illi din il-Qorti rrintraċċat numru ta' deċiżjonijiet preċedenti li saħqu fuq dan il-punt, iżda ma jidhirx li sar sforz leġislattiv sabiex isseħħ din l-emenda bżonnjuża (u li m'hijiex daqshekk diffiċli tiġi promulgata)[fn. 21: Fost oħrajn, issir referenza għall-provvediment fl-ismijiet* ***<u>Aġenzija tas-Sistema ta' Infurzar Lokali vs Sonia Vella</u>****, (rik Nru: 1342/2023) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Diċembru 2023. Hekk ukoll, issir referenza għad-digriet fil-proċeduri fl-ismijiet* ***<u>Aġenżija tas-Sistema ta' Infurzar Lokali vs Carmel Filletti</u>****, (Rik Nru: 34/2024) mogħtija minn din il-Qorti (diversament preseduta) nhar il-11 ta' Marzu 2024 fejn ingħad hekk:* "Il-Qorti tqis illi l-leġislatur għandu llum qabel għada jaħseb għall-emendi neċessarji fil-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili sabiex jirregola sitwazzjoni fejn ma jkunx prattiku illi l-kreditur jintavola kopji tat-titolu eżekuttivi kollha li jixtieq jeżegwixxi permezz tal-istess mandat. Inoltre, kif sew qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-digriet fuq imsemmi: "din il-Qorti ma tħossx li hija ħaġa xejn sewwa, li rikors bħal dan irid ikun

deċiż fi żmien xahar mill-presentata tar-rikors. Fi żmien xahar mill-presentata irid ikun notifikat ir-rikors lill-parti l-oħra, li mhux garantit li dan isir b'faċilità, u jrid jingħata ukoll żmien lill-parti intimata biex tagħmel risposta. Dan huwa terminu irraġonevoli għall-aħħar għaliex ix-xahar mhux faċilment dejjem jista' jintlaħaq. Din il-Qorti temmen, li għandu jkun hemm intervent leġislattiv f'dan ir-rigward biex it-terminu ta' xahar jibda jiddekorri minn notifika tal-parti l-oħra, bħal ma jiġri fil-każ ta' mandat ta' inibizzjoni (ara art 875 tal-Kap 12)." Għalkemm din il-Qorti sabet okkażjoni fejn digriet ġie mibgħut lill-Kummissarju tal-Liġijiet. *Dan possibbilment seħħ għaliex mit-tfittxija li għamlet din il-Qorti ma sabitx okkażjoni fejn xi digriet f'dan is-sens intbagħat b'mod formali lil Ministru konċernat għall-informazzjoni.[fn. 22: F'dan is-sens issir referenza għad-digriet fl-ismijiet* ***<u>Slavko Todorovic noe vs TSG Interactive Gaming Europe Ltd</u>****, (Rik Nru: 1314/23) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Diċembru 2023 fejn ingħad hekk:* "A propositu ta' dan l-artikolu, din il-Qorti ma tħoss li ma hija ħaġa xejn sewwa li rikors bħal dan irid ikun deċiż fi żmien xahar mill-presentata tar-rikors. Fi żmien xahar mill-presentata irid ikun notifikat ir-rikors lill-parti loħra, li mhux garantit li dan isir b'faċilità, u jrid jingħata ukoll żmien lill-parti intimata biex tagħmel risposta. Dan huwa terminu irraġonevoli għall-aħħar għaliex ix-xahar mhux faċilment dejjem jista' jintlaħaq. Din il-Qorti temmen, li għandu jkun intervent leġislattiv f'dan ir-rigward biex it-terminu ta' xahar jibda jiddekorri min-notifika tal-parti l-oħra, bħal ma jiġri fil-każ ta' mandat ta' inibizzjoni (ara art 875 tal-Kap 12).]. *B'hekk din il-Qorti sejra tkun qiegħda tordna n-notifika formali ta' dan id-digriet sabiex min hu hekk responsabbli jkun mgħarraf bl-istess.*

*Illi ma jkunx ukoll totalment inutli li sseħħ emenda fil-proviso tal-artikolu 281(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jista' jagħti x'jifhem li fin-nuqqas t'oppożizzjoni, awtorità ġudikanti tkun marbuta li tilqa' l-istess meta [fn. 23: Ara dak li ntqal u ġie deċiż fil-provvediment fl-ismijiet* ***<u>Avukat David Borg vs Julian Borg</u>****, (Rik Nru: 1006/2008) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili il-20 ta' Mejju 2008.] (eżempju huwa dan il-provvediment tal-lum,) ir-raġuni tat-talba ma tkunx waħda tajba.*

*Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan ir-rikors bil-mod segwenti:*

*1) Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-eżekutanti Cassar Aveta.*
*2) Tilqa' l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-eżekutanti Cassar Aveta.*
*3) Tiċħad it-talbiet tas-soċjetà eżekutata Burmarrad Commercials Limited.*

*L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu mis-soċjetà Burmarrad Commercials Limited."*

**L-Appell**

9. Fl-24 ta' Settembru, 2024 is-soċjetà eżekutata resqet appell mid-digriet appellat *ai termini* tal-artikolu 281(4) tal-Kap. 12, fejn talbet lil din il-Qorti tikkonferma d-digriet appellat f'dik il-parti tagħha fejn l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-eżekutanti Cassar Aveta, u tbiddel l-istess digriet tal-Ewwel Qorti f'dik il-parti tagħha fejn l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-eżekutanti Cassar Aveta, u konsegwentement ċaħdet it-talbiet tas-soċjetà eżekutata. Is-soċjetà eżekutata tikkontendi li d-digriet appellat hija msejsa fuq interpretazzjoni ħażina tas-sentenza tal-10 ta' Diċembru, 2012 fil-kawża fl-ismijiet Joseph Cassar Aveta *vs.* Burmarrad Commercials Limited (Avviż numru 37/2010 CSH) illi: *"(…) is-soċjetà konvenuta hija debitriċi tal-attur fis-somma ta' ħamest elef u sebgħa u sittin Euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€5,067.85) u tordna lill-istess soċjetà konvenuta tħallas dan l-ammont lill-attur f'oġġetti magħżula mill-istess attur limitatament għal din is-somma".* Qalet li l-opzjoni ravviżata mill-Ewwel Qorti ma tirriżulta minn imkien, imma pjuttost il-kontra, għaliex il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat li s-somma ta' €5,067.85 titħallas *in natura*.

10. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Diċembru, 2012 amplifikat il-jedd mogħti lill-awtur tal-appellati *'bil-possibbiltà ta' modalità differenti ta' ħlas'*, imma din għal darb'oħra hija konklużjoni ħażina li wkoll ma tirriżulta minn imkien, għaliex ordnat li l-ħlas isir b'modalità waħda u unika: *in natura*. Qalet li l-korrispondenza eżebita mill-appellati turi biss illi huma dejjem irrifjutaw illi jaderixxu mal-ordni mposta fuqhom mill-Qorti, u riedu minflok li dejjem

jitħallsu fi flus, jedd li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma tathomx. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-appellati la qatt kellhom il-jedd jitħallsu fi flus, la qatt kellhom l-jedd jitlobu l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv, u wisq anqas ma għandhom il-jedd li jiżbankaw kwalunkwe flejjes depożitati taħt l-awtorità ta' din il-Qorti in segwitu għall-istess mandat.

11. Is-soċjetà appellanta tgħid ukoll li l-Ewwel Qorti, fid-digriet appellat, kompliet tinterpreta ħażin is-sentenza tal-10 ta' Diċembru, 2012, anki fir-rigward tat-tieni kawżali mressqa mis-soċjetà appellanta. Qalet illi l-fatt li fis-sentenza tal-10 ta' Diċembru, 2012, il-Qorti tal-Maġistrati ma għamlet l-ebda kundanna għall-ħlas tal-imgħax, huwa konsegwenza naturali tal-fatt li l-awtur tal-appellati ma ġiex mogħni bil-jedd li jitħallas is-somma ta' ħamest elef u sebgħa u sittin Euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€5,067.85) fi flus, iżda *in natura*. Qalet li b'hekk l-imgħax pretiż mill-appellati, mhuwiex dovut u qatt ma jista' jkun dovut.

**Ir-Risposta tal-Appell**

12. Fir-risposta tagħhom ippreżentata fis-17 ta' Ottubru, 2024, l-appellati qalu li l-appell interpost mis-soċjetà appellanta huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, u l-aggravju li hija resqet, għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra tagħha. Jgħidu li l-Ewwel Qorti fil-konklużjonijiet tagħha ma għamlet l-ebda interpretazzjoni ħażina tas-sentenza tal-10 ta' Diċembru, 2012. Qalu li fil-parti deċiżorja tal-imsemmija sentenza tal-10 ta' Diċembru, 2012, dik il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet ċaħdet l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta u laqgħet it-talba attriċi f'ammont ridott ta' €5,067.85ċ. Qalu li għalhekk l-imsemmija deċiżjoni

hija ċara u inekwivoka, li s-soċjetà appellant hija debitriċi tal-attur fis-somma ta' €5,067.85ċ, u ġiet ikkundannata tħallas dan l-ammont lill-attur, l-awtur tal-appellati. Qalu li t-talba tal-attur f'dik il-kawża kienet talba għall-ħlas ta' somma, u l-kundanna tal-Qorti kienet kundanna għall-ħlas ta' flus f'somma determinata. Qalu li dan huwa l-uniku jedd, in linea mat-talba tiegħu fl-Avviż, li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat lill-attur mingħajr l-ebda ekwivoku. Qalu li fil-parti dispożittiva tas-sentenza tal-10 ta' Diċembru, 2012, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet '*ordnat lis-soċjetà konvenuta tħallas dan l-ammont lill-attur f'oġġetti magħżula mill-istess attur limitatament għal din is-somma'*. Qalu li għalkemm il-Qorti kienet fis-sentenza tal-10 ta' Diċembru, 2012 ordnat lis-soċjetà appellanta tħallas dan l-ammont lill-attur f'oġġetti tagħha magħżula mill-attur, limitatament għas-somma €5,067.85ċ, is-soċjetà appellanta qatt ma obdit dik l-ordni, u qatt ma stiednet lill-attur biex jirċievi l-ħlas *in natura*, nonostante l-ittra legali tal-15 ta' Marzu, 2017, u fi żminijiet aktar riċenti permezz ta' ittra legali tat-12 ta' Novembru, 2022. Qalu li għalhekk is-soċjetà appellanta ippretendiet inġustament illi ma todbix l-ordni tal-Qorti, u b'hekk tipprova tirrendi s-sentenza tal-10 ta' Diċembru, 2012 ineffikaċi. Qalu li l-ġustifikazzjoni għall-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru 372/2024 fl-ismijiet inversi tirriżulta mil-laxkezza li bija s-soċjetà appellanta ttrattat il-kwistjoni kollha. L-appellati qalu li minkejja t-trapass ta' kważi tnax-il sena mingħajr ma ħadet ebda azzjoni sabiex tħallas, u/jew biex tobdi l-ordni tal-Qorti *ai termini* tal-imsemmija sentenza, anki wara li ġiet interpellata, hija baqgħet għal kollox inadempjenti, u kien biss wara li ġie ntavolat il-Mandat ta' Sekwestru li hija reaġixxiet.

13. Għar-rigward tal-imgħax, l-appellati qalu li l-attur Joseph Cassar Aveta fl-avviż promotur tiegħu, kien talab l-impożizzjoni tal-imgħax, u l-Qorti kienet laqgħet it-talba tiegħu, u allura jsegwi li l-imgħax huwa dovut mis-26 ta' Mejju, 2024 kif mitlub fl-avviż promotur. Barra minn hekk ir-relazzjoni bejn il-partijiet kienet waħda kummerċjali, u allura skont il-liġi, l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni ġiet eżegwita. L-appellati qalu wkoll li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Diċembru, 2012 ordnat ukoll lis-soċjetà appellanta tħallas l-ispejjeż tal-kawża u dawk tal-ittra uffiċjali datata 30 ta' April, 2008, u lanqas dawn l-ispejjeż ma ndenjat ruħha tħallas minħabba l-animu u l-pika kbira li kellha mal-kreditur tagħha John Cassar Aveta.

14. Għar-rigward tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv 372/2024, l-appellati qalu li dan ġie akkordat għax inħareġ fuq il-bażi li t-titolu eżekuttiv għadu fis-seħħ: inħareġ minn Qorti kompetenti, u ġie kollazzjonat kif imiss mir-Reġistratur tal-Qorti. Qalu wkoll illi s-soċjetà appellanta mhijiex tikkontesta t-titolu pervenjenti mis-sentenza tal-10 ta' Diċembru, 2012, u li fuqha l-appellati kisbu l-Mandat ta' Sekwestru 372/2024, ħaġa li setgħet tagħmilha biss *'għal raġuni valida skont il-liġi'*. Qalu li s-soċjetà appellanta taf li m'għandhiex raġuni valida, għax taf li l-Qorti kienet ikkundannatha tħallas. Dan m'għamlitux, u għalhekk ma tistax tipprova tgħatti x-xemx bl-għarbiel u tippretendi li m'għandha tħallas xejn.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

18. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet

magħmula mit-Ewwel Qorti fid-digriet appellat, u tas-sottomissjonijiet *viva voce* li saru mill-appellati.

*L-Ewwel Aggravju:* *[Id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hija msejsa fuq interpretazzjoni ħażina tas-sentenza tal-10 ta' Diċembru, 2012 (Avviż Nru. 37/2010 CSH)]*

19. Tqis illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Diċembru, 2012, għalkemm tat lill-kreditur Joseph Cassar Aveta l-għażla sabiex jiġbor l-ammont dovut f'oġġetti minn għandha, xi ħaġa li ma ġietx mitluba tagħmel fir-rikors promotur, xorta waħda laqgħet it-talba tiegħu għall-ħlas ta' somma flus determinata, għalkemm b'mod limitat fir-rigward tal-valur. Tqis illi s-sentenza tal-10 ta' Diċembru, 2012 ma ordnatx li għandu jsir il-ħlas *in natura* permezz ta' kwantità speċifikata ta' oġġetti. Tqis illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Diċembru, 2012, iddikjarat li s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tal-attur, l-awtur tal-appellati, fis-somma ta' €5,067.85, u ordnat lill-istess soċjetà konvenuta tħallas dan l-ammont lill-attur f'oġġetti magħżula mill-istess attur limitatament għal din is-somma. Tqis ukoll li mill-atti ma jirriżultax li l-appellati u/jew l-awtur tagħhom, ingħataw l-opportunità mis-soċjetà appellanta sabiex jiġbru l-ammont dovut f'oġġetti, u sabiex jagħżlu l-oġġetti li permezz tagħhom kellu jsir il-ħlas, u ma ġiet esebita l-ebda korrispondenza bejn il-partijiet li tindika dan. Il-Qorti tqis li għaddew tnax-il sena minn meta ngħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-10 ta' Diċembru, 2012, u s-soċjetà appellanta għadha ma ħallsitx lill-appellata dak li huwa dovut skont l-imsemmija sentenza. Tul dan iż-żmien kollu, ma jidhirx li s-soċjetà appellanta tat appuntament lill-appellati sabiex jitħallsu skont is-

sentenza, u lanqas ma jirriżulta ppruvat li s-soċjetà appellanta kellha oġġetti ta' utilità għall-appellati, permezz ta' liema setgħu jissodisfaw il-kreditu tagħhom. Il-Qorti tikkondividi l-fehma espressa mill-Ewwel Qorti, li bir-raġunament tas-soċjetà appellanta, jekk l-appellati ma jsibu l-ebda oġġetti ta' utilità għalihom għand is-soċjetà appellanta, huma jistgħu jispiċċaw ma jitħallsu qatt. Mill-atti jirriżulta li s-soċjetà appellanta ġiet interpellata permezz ta' ittri legali tal-15 ta' Marzu, 2017, u tat-12 ta' Novembru, 2022 sabiex tħallas lill-appellati skont is-sentenza, imma baqgħet inadempjenti.

20. Tqis ukoll illi t-titolu eżekuttiv emanenti mis-sentenza tal-10 ta' Diċembru, 2012, huwa għal ħlas f'ammont determinat ta' flus, anki jekk mingħajr ma ntalbet tagħmel dan, il-Qorti amplifikat fuq dak il-jedd bil-possibbiltà ta' modalità differenti ta' ħlas. Il-Qorti tqis li l-appellanti kellhom il-jedd li jitolbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv, ladarba permezz tal-imsemmija sentenza ġie ordnat il-ħlas f'ammont determinat ta' flus, fl-inadempjenza tas-soċjetà appellanta li tħallas lill-appellati f'oġġetti. Għal dawn ir-raġunijiet tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *[Fis-sentenza tal-10 ta' Diċembru, 2012, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) is-soċjetà appellanta ma ġietx ordnata tħallas imgħax]*

Il-Qorti tqis li għalkemm fis-sentenza tal-10 ta' Diċembru, 2012, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) naqset milli ssemmi l-imgħax fil-parti deċiżorja tas-sentenza, il-kreditur Joseph Cassar Aveta fir-rikors promotur tiegħu kien talab l-

impożizzjoni tal-imgħax, u dik il-Qorti kienet laqgħet dik it-talba tiegħu. Tqis għahekk illi dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet suesposti, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħdu, u tikkonferma d-digriet appellat fl-intier tiegħu, billi ma tqisx li jeżistu raġuniijiet validi *ai termini* tal-artikolu 281 tal-Kap. 12 sabiex il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv (372/2024) jitħassar.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**